MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2007

Numru 12/2005

**Ir-Repubblika ta’ Malta
Vs
Walter John Cassar**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza numru 12 tas-sena 2005 kontra l-akkuzat Walter-John Cassar, li bih huwa gie akkuzat talli:

1) wara li l-Avukat Generali ppremetta fil-Ewwel Kap li fis-16 ta’ Dicembru tas-sena elfejn u tlieta (2003), u fil-granet u gimghat ta’ qabel, l-akkuzat Walter-John Cassar iddecieda illi jibda jmexxi w jittraffika l-pjanta cannabis f’Malta w f’Ghawdex minghajr ma kien debitament licenzjat biex jaghmel hekk. Cassar, flimkien ma’ persuni ohra, ftehmu fuq il-mod kif kellha tigi ezegwita din l-attivita’ kriminali. Dan il-pjan kien jikkonsisti filli l-akkuzat jigbor il-pjanta cannabis minghand persuna gewwa x-Xaghra, Ghawdex u jittrasportaha ghand persuna ohra li kellha thallsu ta’ din id-droga. Imbaghad l-akkuzat kellu jirritorna

ghand il-persuna mix-Xaghra sabiex jghaddhilha l-pagament li jkun sar ghall-imsemmija droga. Ghas-servizzi tieghu l-akkuzat Cassar kellu jiehu percentwal konsiderevoli mill-qliegh ta’ dan it-traffikar. Fortunatament l-akkuzat inqabad mill-Pulizija fis-16 ta’ Dicembru tas-sena elfejn u tlieta (2003) u, fil-fatt, instab fil-pussess ta’ izjed minn tlett kilos u nofs ta’ din id-droga, liema sustanza ghandha l-valur ta’ kwazi erbat elef lira Maltija (LM4000).

Illi b’ghemilu, l-imsemmi Walter-John Cassar sar hati talli assocja ma’ xi persuna jew persuni ohra f’Malta jew barra minn Malta sabiex ibiegh jew jitraffika medicina f’Malta (il-pjanta cannabis) kontra d-disposizzjonijiet ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assocjazzjoni.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali akkuza lill-imsemmi Walter-John Cassar talli assocja ma’ xi persuna jew persuni ohra f’Malta jew barra minn Malta sabiex ibiegh jew jitraffika medicina f’Malta (il-pjanta cannabis) kontra d-disposizzjonijiet ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assocjazzjoni.

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi jigi kkundannat ghal piena ta’ prigunerija ghal ghomru u multa ta’ mhux inqas minn elf lira Maltija (LM1000) izda mhux izjed minn hamsin elf lira Maltija (LM50,000) u l-konfiska favur il-Gvern ta’ l-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta’ kull flejjes jew propjeta’ mobbli u immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 9, 10(1), 12, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista’ skond il-ligi tinghata ghall-htija ta’ l-imsemmi akkuzat.

2) wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tieni Kap illi, fis-16 ta’ Dicembru tas-sena elfejn u tlieta (2003), u fil-granet u gimghat ta’ qabel, l-akkuzat Walter-John Cassar iddecieda illi jibda jmexxi u jittrafika l-pjanta cannabis f’Malta u f’Ghawdex minghajr ma kien debitament licenzjat

biex jaghmel hekk. Cassar ftiehem ma' persuna mix-Xaghra, Ghawdex, u offrielha li jiehu ammonti konsiderevoli tal-pjanta cannabis sabiex jiddistribwiha lill-persuna ohra. Hu kellu jithallas minghand din it-terza persuna, mbaghad jirritorna ghand il-persuna mix-Xaghra sabiex jghaddilha l-pagament li jkun sar. Tas-servizzi tieghu, kellu jiehu percentwal mill-qliegh. Fortunatament, fis-16 ta' Dicembru tas-sena elfejn u tlieta (2003), filwaqt li Cassar kien qieghed jamministra din id-droga, senjatament fil-mument li kien qed jittrasportaha sabiex jiddistribwiha ghand din it-terza persuna li minghandha kellu jithallas, inqabad mill-Pulizija w, fil-fatt, instab fil-pussess ta' izjed minn tlett kilos u nofs ta' din id-droga, liema sustanza ghandha l-valur ta' kwazi erbat elef lira Maltija (LM4000).

Illi b'ghemilu, l-imsemmi Walter-John Cassar sar hati talli biegh jew xort'ohra ttraffika fil-pjanta Cannabis minghajr ma kellu licenzja mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha w minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi jew minn xi awtorita' apposta moghtija mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha li jforni d-droga msemmija, w minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew awtorizzazzjoni ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura d-droga msemmija, w minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali akkuza lill-imsemmi Walter-John Cassar talli biegh jew xort' ohra ttraffika fil-pjanta Cannabis minghajr ma kellu licenzja mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha w minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi jew minn xi awtorita' apposta moghtija mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha li jforni d-droga msemmija, w minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew awtorizzazzjoni ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza

dwar il-Medicini Perikoluzi, u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura d-droga msemmija, w minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga.

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija ghal ghomru u multa ta' mhux inqas minn elf lira Maltija (LM1000) izda mhux izjed min hamsin elf lira Maltija (LM50,000) u l-konfiska favur il-Gvern ta' l-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 8(e), 9, 10(1), 12, 22(1)(a)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, u r-regola 4(a) tar-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi (N.G. 292 ta' l-1939), u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija ta' l-imsemmi akkuzat.

3) wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tielet Kap, illi f'Dicembru tas-sena elfejn u tlieta (2003) il-Pulizija rceviet informazzjoni li l-akkuzat Walter-John Cassar kellu fil-pussess tieghu kwantita' ta' droga.  Fil-fatt, fis-16 ta' Dicembru ta' dik is-sena, l-akkuzat kien ghaddej bil-vettura tieghu gewwa Marsalforn, Ghawdex, meta twaqqaf mil-Pulizija.  Minn tfittxija li saret f'dik il-vettura rrizulta li Cassar kien fil-pussess xejnti ta' diversi kaxxex u basktijiet kontenenti sustanza allegatament pjanti tal-Cannabis. Minn analizijiet u ezamijiet li saru minn esperti forensici, irrizzulta li din is-sustanza kienu effettivament pjanti tal-cannabis fl-ammont ta' izjed minn tlett kilos u nofs, liema sustanza ghandha l-valur ta' kwazi erbat elef lira Maltija (LM4000).  Dawn il-pjanti kienu intizi biex jinbieghu lil terza persuna w kien biss dan l-intervent fortunat tal-Pulizija li waqqaf hesrem din l-attivita' kriminali.

Illi b'ghemilu, l-imsemmi Walter-John Cassar sar hati talli kellu fil-pussess tieghu l-pjanta cannabis meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza

dwar il-Medicini Perikoluzi, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, w ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja moghtija mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha w ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi jew b'xi awtorita moghtija mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu, u dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-Regoli msemmija, w b'dan li r-reat sar taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem imsemmi akkuza lill-imsemmi Walter-John Cassar talli kellu fil-pussess tieghu l-pjanta l-cannabis meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, w ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja moghtija mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha w ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi jew b'xi awtorita moghtija mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu, u dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-Regoli msemmija, w b'dan li r-reat sar taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u li jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija ghal ghomru u multa ta' mhux inqas minn elf lira Maltija (LM1000) izda mhux izjed minn hamsin elf lira Maltija (LM50,000) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli w immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 8(d), 9, 10(1), 12, 21(1)(a)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi u r-regola 4(a) tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-drogi Perikoluzi (N.G. 292 ta' l-1939), u fl-artikoli 23 u 533 tal-

Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li skond il-ligi tista' tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat ir-Rikors konguntiv tal-Avukat Generali w tal-akkuzat tat-23 ta' Marzu, 2007.

Rat id-Digriet taghha tas-26 ta' Marzu, 2007, fejn, f' dak l-istadju, din il- Qorti cahdet it-talba tal-Prosekuzzjoni w tal-akkuzat hemm kontenuta;

Rat in-Nota tal-akkuzat tas-27 ta' Marzu, 2007 li biha informa lil din il-Qorti li hu kien ser jammetti ghall-akkuzi migjuba kontra tieghu fl-att ta' l-akkuza fl-ismijiet fuq indikati.

Rat illi waqt is-seduta tas-27 ta' Marzu, 2007,l-akkuzat, mistoqsi jekk hux hati skond l-Att tal-Akkuza, wiegeb billi stqarr li hu kien hati tar-reati hemm dedotti kontra tieghu;

Rat illi wara li l-Qorti wissiet lill-akkuzat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' din it-twegiba w tatu ftit taz-zmien biex jerga' lura minnha, kif obbligata li taghmel skond l-artikolu 453 (1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-akkuzat baqgha jtenni t-twegiba li hu kien hati;

Tiddikjara ghalhekk lil Walter-John Cassar hati talli :-

1) fis-16 ta' Dicembru, 2003, u fil-granet u gimghat ta' qabel assocja ma' xi persuna jew persuni ohra f'Malta jew barra minn Malta sabiex ibiegh jew jittraffika medicina f'Malta (il-pjanta cannabis) kontra d-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assocjazzjoni w dan skond l-ewwel kap ta' l-Att ta' l-Akkuza;
2) fis-16 ta' Dicembru, 2003, u fil-granet u gimghat ta' qabel biegh jew xort'ohra ttraffika fil-pjanta cannabis minghajr ma kellu licenzja mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha w minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi jew minn xi awtorita' apposta moghtija mill-Ministru responsabbli

ghas-Sahha li jforni d-droga msemmija, w minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew awtorizzazzjoni ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura d-droga msemmija, w minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga w dan skond it-tieni kap ta' l-Att ta' l-Akkuza;

3) fis-16 ta' Dicembru, 2003, kellu fil-pussess tieghu l-pjanta l-cannabis meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, w ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja moghtija mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha w ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi jew b'xi awtorita' moghtija mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu, u dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-Regoli msemmija, w b'dan li r-reat sar taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu, kif dedott fit-tielet kap ta' l-Att ta' l-Akkuza.

Rat il-fedina penali aggornata tal-hati esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti w ezaminata seduta stante mid-difiza

Semghet ix-xiehda tal-hati, tas-Supratendent Neil Harrison, Aaron Rizzo, Julian Sammut u ta' Chris Cassar, missier l-hati, ghall-fini tal-piena.

Qieset is-sotttomissjonijiet <u>kollha</u> tad-difiza dwar il-piena li jinsabu kollha registrati w senjatament, imma mhux biss, is-segwenti :-

Li r-reati kienu gew kommessi fi zmien meta l–appellant kellu diversi disfatti fil-karriera tieghu bhala *caterer* li hu

kien ittrejnja ghaliha w ottjena kwalifiki biex ikun jista' jahdem fiha;

Li l-hati kien gie influwenzat hazin minn persuna ta' eta' ferm akbar minnu u li hu kien ihares lejha b' certu rispett u ammirazzjoni, biex jimbarka fuq din l-attivita' illegali;

Li dan l-izball kien gie kommess f' okkazzjoni wahda;

Li kif xehdu diversi xhieda, l-hati kien irriforma, ghandu professjoni ta' restauranteur, kien ta' *support* ghal missieru wara t-telfa recenti ta' ommu b'marda qerrieda w llum kien cittadin midbul;

Li hu kien irregistra ammissjoni bikrija;

Li l-Prosekuzzjoni kienet iddikjarat li hu kien ikkoopera mal-Pulizija u li ghalhekk hu kellu jibbenfika mill-artikolu 29 tal-Kap.101 bi tnaqqis fil-piena b' zewg gradi.

Li l-hsara li kienet ser issir lis-socjeta' f' dan il-kaz ma saritx ghax twaqqfet hesrem bl-intervent tempestiv tal-Pulizija w li bil-ko-operazzjoni tal-hati giet evitata hsara futura bil-qbid ta' madwar ghoxrin kilogramma cannabis li gew misjuba mill-Pulizija ghand persuna ohra.

Li ghalkemm veru l-hati kien tgerfex f' zoghzightu , illum kien immatura.

Qieset is-sottomissjonijiet tal-abbli prosekutur, Dr. Stephen Tonna Lowell, li qal li l-Avukat Generali, meta jkun ghamel l-ghazla lilu kompetenti bil-ligi li l-kaz jitressaq quddiem din il-Qorti, ikun qies biss, f' dak l-istadju, l-gravita' tar-reat, minghajr ma joqghod iqis xi attenwanti li jistghu jirrizultaw. Issa pero' il-Prosekuzzjoni kienet konvinta li f' dan il-kaz il-hati kellu jibbenefika mill-artikolu 29 tal-Kap. 101 fil-massimu tieghu. Ghalhekk il-prosekuzzjoni kienet ghamlet ir-rikors konguntiv tat-23 ta'

Marzu, 2007, anki fid-dawl ta'sentenzi ohra erogati minn din il-Qorti. [1]

Ikkonsidrat;

Illi ghalkemm il-piena karcerarja ghar-reati ammessi mill-hati hija dik ta' prigunerija ghall-ghomor, skond il-proviso tal-artikolu 22(2)(a)(i)(aa) tal-Kap.101, meta l-Qorti tkun tal-fehma li meta tqis l-eta' tal-hati, l-kondotta ta' qabel tal-hati, il-kwantita' tal-medicina w x-xorta w l-kwantita' tat-taghmir jew materjal, jekk ikun il-kaz, involuti fir-reat u c-cirkostanzi l-ohra kollha tar-reat, il-piena ta' prigunerija ghall-ghomor ma tkunx dik xierqa, f' kazijiet bhal dawn il-Qorti tista' tikkundanna lill-persuna misjuba hatja ghall-prigunerija ghal zmien ta' mhux inqas minn erba snin izda mhux izjed minn tletin sena w multa ta' mhux inqas minn elf lira izda mhux izjed minn hamsin elf lira.

Illi inoltre r-reati ndikat fl-Ewwel u t-Tielet Kapi tal-Att ta' l-Akkuza w cioe' dawk t' assoccjazzjoni w pussess f'cirkostanzi tali li jindikaw li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati rispettivament, ghall-fini tal-piena, ghandhom jigu assorbiti fir-reati taht it-Tieni kap ta' l-att ta' l-akkuza w cioe' dak ta' traffikar, billi servew biex seta' jigi kommess dan l-ahhar reat skond l-artikolu 17 (h) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

---

[1] Illi f'dan il-kaz partikolari pero', fejn l-aktar attenwanti ta'sustanza kienet u ghadha l-applikabilita' tal-artikolu 29 tal-Kap.101 , suppost li kien maghruf ab initio kemm ghall-ufficjali prosekuturi (kif issa din il-Qorti saret taf) kif ukoll ghall-Avukat Generali li kien hemm cirkostanzi li kienu jimmilitaw favur l-applikazzjoni ta' din l-attenwanti w ghalhekk ma kien hemm xejn xi izomm li mill-bidu nett l-Avukat Generali jordna li l-kaz jinstema' mill-Qrati tal-Magistrati mill-ewwel u b' hekk kienu jigu evitati atti inutili, trapass ta' zmien, tahrik ta' xhieda u spejjez amministrattivi konnessi ma' process quddiem din il-Qorti. Setghet ukoll saret kontro-ordni anki wara l-prezentata ta' l-Att ta' l-Akkuza. Una volta pero' il-kaz jitressaq quddiem din il-Qorti, din il-Qorti trid umbaghad tikkalibra l-piena anki b'riferenza ghal sentenzi ohra taghha in materia, biex ghall-inqas izomm certa uniformita' in relazzjoni mall-gravita' tal-kaz li l-istess Avukat Generali ikun intravveda meta jkun ghamel l-ghazla tieghu kif ukoll ma sentenzi ohra ta' din il-Qorti. (ara. "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Fabian Galea u Michael Zahra" [17.2.2003];"Ir-Repubblika ta Malta vs. Ibrahim Elhamshi Elghaoud et"[21.10.2003]; "Ir-Repubblika ta' Malta vs. John Bartolo et" [15.7.2004]; u ohrajn fejn, ghalkemm id-droga ma kienetx cannabis, xorta wahda gew stabbiliti certi parametri ta' piena f' kazi ta' ammissjoni u fejn kien applikabli l-art. 29 tal-Kap.101.)

Din il-Qorti, qieset il-fatturi kollha rilevanti ghall-erogazzjoni tal-piena, fil-gamma esageratament vasta li l-legislatur halla f’ idejn il-Qrati f’ din il-materja, komprizi l-ammont tad-droga, l-eta’ tal-hati, l-ammissjoni bikrija w l-fedina penali precedenti tal-hati w c-cirkostanzi l-ohra kollha tal-kaz, u partikolarment li **issa** – wara li semghet ix-xiehda tal-akkuzat u tas-Suprtatendent Neil Harrison - hija sodisfatta li l-applikazzjoni tal-artikolu 29 tal-Kap.101 hija decizament indikata, haga li pero’ ma kienet xejn cara w evidenti ghall-Qorti mill-provi li ngabu fil-kumpilazzjoni, u partikolarment l-istqarrija tal-hati.

Mill-banda l-ohra Il-Qorti ma tistax ukoll tinjora l-gravita’ tar-reat *per se* (haga li qies ukoll l-Avukat Generali meta hass li kellu jintavola Att t’ Akkuza f’ dan il-kaz - kif stqarr l-abbli prosekutur). Kieku ma kienx ghall-intervent effikaci w tempestiv tal-Pulizija mmexxija mis-Supratendent Neil Harrison u l-Ispettur Nezren Grixti, li b’ dedikazzjoni u efficjenza liema bhala investigaw il-kaz, l-agir tal-hati kien ser iwassal biex tkompli tinxtered fost is-socjeta’ kwantita’ konsiderevoli ta’ droga cannabis.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 2, 8(d)(e), 9, 10(1), 12, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d), 26 u 29 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u r-Regola 4(a) tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N. 292/39) u l-artikoli 17 (h), 23, u 533 tal-Kodici Kriminali, tikkundanna lill-hati Walter-John Cassar ghall-piena ta’ tmin (8) snin prigunerija – li minnhom irid jitnaqqas kull zmien li l-hati ghamel taht arrest preventiv biss in konnessjoni mar-reati hawn minnu ammessi - u ghall-multa ta’ tmint elf lira Maltin (LM8,000) li jekk ma tithallasx fi zmien hmistax il-jum mill-lum jigu konvertiti minnufih u awtomatikament fi tnax (12) il-xahar prigunerija skond il-ligi vigenti w applikabbli, kif ukoll tikkundannah ihallas is-somma ta’ sitt mija w seba’ w erbghin lira Maltin, u hamsa w erbghin centezmu (LM647.45c.) rapprezentanti l-ispejjez tal-perizji inkorsi f’dan il-process a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali w tordna l-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta’

Malta ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli w immobbli ohra tal-hati ;

Finalment, sakemm l-Avukat Generali ma jindikax b'nota - li ghandha tigi prezentata fi zmien hmistax il-jum mil-lum - li d-droga esebita hija mehtiega in konnessjoni ma xi proceduri kriminali kontra terzi persuni, tordna li d-droga kollha esebita u l-affarijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha jigu distrutti a kura tal-ispizjar Mario Mifsud u taht is-sorveljanza diretta tad-Deputat Registratur ta' din il-Qorti, li ghandu jaghmel verbal ta' tali distruzzjoni w jgibu a konjizzjoni ta' din il-Qorti b'nota appozita li kopja taghha tigi notifikata lill-Avukat Generali u lill-hati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------